Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 2 ta' Frar 2001.

Avviz Nru: 1219/00

Analise Duca

Vs

Daniel Zammit

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' dik is-somma li tigi likwidata minn din il-Qorti bhala danni sofferti mill-attrici konsistenti f'kiri ta' vettura u deprezzament tal-istess vettura in segwitu ghall-incident awtomobilistiku li gara fi Triq il-President A.Buttigieg, Zejtun fil-11 ta' Marzu 1999, meta l-konvenut kien qed isuq il-vettura JAE-629 u baqa' diehel gol-vettura numru APR-377 propjeta' ta' Analise Duca li kienet ipparkjata fl-imsemmija triq - prevja d-dikjarazzjoni li ghal dan l-incident kien il-konvenut unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' Marzu 2000 u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma' dan l-att ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut a tenur tal-Kap 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali mis-16 ta' Marzu, 2000 kontra l-konvenut li gie ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Ghall-fini tal-kompetenza qed jigi dikjarat li d-danni mitluba jeccedu l-hames mitt lira Maltin (Lm500) izda mhux l-elf lira Maltin (Lm1000).

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni. Ghaldaqstant id-domandi kif jirrizultaw mill-Kapitolu ghas-subizzjoni prezentat mill-attrici ghandhom

jitqiesu bhala mistqarra. U ghaldaqstant qeghda tilqa' t-talba attrici billi tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident indikat fl-avviz u billi tillikwida s-somma li sofriet l-attrici bhala danni a kawza ta' dan l-incident fis-somma ta' elf lira (Lm1000) kif indikat fil-kapitolu tal-attrici u ghaldaqstant qieghda tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attrici s-somma mitluba ta' elf lira (Lm1000).

Bl-imghax legali b'effett mil-lum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg